*- ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG –*

*- ART 19 (1) (d) TAL-KAP 255 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Gunju, 2002

**Kawza Numru: 43**
**Citazzjoni Numru: 686/98/RCP**

**Alvin Formosa**

**vs**

**Rita Formosa xebba Delceppo**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Gunju 1984, fil-Knisja tal-Kuncizzjoni ta' Bormla, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku fl-4 ta' Gunju 1984;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, Mandy li llum ghandha tnax-il sena u Daniel li ghandu ghaxar snin;

Illi l-kunsens tal-partijiet, jew xi wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg (art. 19 (1) (d) tal-Att XXXVII tal-1975), jew inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg (art. 19 (1) (f) tal-imsemmi Att), jew ghax wahda mill-partijiet, jew it-tnejn, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg (art. 19 (1) (h) tal-imsemmi Att) kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, u dan ghandu jwassal ghal dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg;

Illi l-istess attur jitlob lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi jew xi wahda minnhom:

1. Tiddikjara z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Gunju 1984, bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat li minkejja li l-konvenuta giet debitament notifikata personalment bic-citazzjoni attrici fl-24 ta' Marzu 1999 baqghet ma pprezentat l-ebda nota t'eccezzjonijiet u kwindi qeghda fi stat ta' kontumacja;

Rat il-verbal tas-26 ta' April 1999; tas-seduta tas-6 ta' Mejju 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Edwina Chetcuti biex tigbor il-provi u tirrelata; tas-16 ta' Marzu 2000; tat-23 ta' Gunju 2000; tal-11 ta' Dicembru 2000; tat-13 ta' Marzu 2002 u tat-18 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Edwina Grima a fol. 37 sa 52.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

L-attur fil-premessi tieghu jghid illi l-kunsens tal-partijiet, jew xi wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta'

diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; jew inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg; jew ghax wahda mill-partijiet, jew it-tnejn, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Dawn it-tliet premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) u / jew (f) u/jew (h) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar iz-Zwieg u jipprovdu li :-

**19(1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:**

**(d) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;**

**(f) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;**

**(h) Jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg; u**

19 (2) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, azzjoni ghall-annullament ta' zwieg tista' tinbeda biss minn wahda mill-partijiet f'dak iz-zwieg, u din id-dispozizzjoni tapplika wkoll jekk dik il-parti tkun inkapaci, taht xi dispozizzjoni ta' ligi, li tharrek jew tigi mharrka, u f'xi kaz bhal dan l-azzjoni tista' tinbeda minn dik il-parti minkejja dik l-inkapacita', bla hsara ghall-ghajnuna jew kundizzjoni ohra jidhrilha xierqa u tordna. Meta azzjoni tkun inbdiet minn parti fi zwieg, l-azzjoni tista' titkompla minn kull wiehed mill-werrieta.

Qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenuta hija kontumaci xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attur jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabbilita' socjali. Zwieg debitament registrat skond id-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili hu prezunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju u *nonostante* l-kontumacja tal-konvenuta din il-Qorti mhiex ezonerata milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub.

Illi dwar l-ewwel difett l-attur qed jikkontendi li kellu meta kkontratta z-zwieg mal-konvenuta. Dan huwa dak li hemm fl-**artikolu 19 (1)(d)** u cjoe`:

**19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:**

**(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;**

B' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f' dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – per Onor. Imhallef V. DeGaetano deciza fil-25 ta' Mejju, 1995 P.A.).

Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista Colagiovanni:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di*

*ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (Forum, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Pero`, kif gja` inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (Pompedda, M.F., Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova, 1984), p. 46).

Proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f' zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97).

L-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che*

*incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (ibid. pp. 97-98).

Hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (Pompedda, M.F., Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' Viladrich:

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is*

*indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686).

Kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku (Can. 1095[3]) tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-Bersini, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99). Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual*

*well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (Viladrich, P.J., op. Cit., p. 687).

Illi fir-relazzjoni peritali maghmula mill-Perit Legali Dr. Edwina Grima din ikkonkludiet illi *"fid-dawl ta' dak kollu sottomess, it-talba ta' l-attur ghandha tigi milqugha u z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti ghandu jigi ddikjarat null u bla effett skond il-ligi ai termini ta' l-artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att taz-zwieg u dana ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet."*

## II. PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** xehed iltaqa' mal-mara tieghu peress illi kellhom l-istess klikka ta' hbieb. Saru jafu lil xulxin madwar sentejn qabel iz-zwieg u f'dan il-perjodu ghalkemm ufficjalment kienu qeghdin johorqu flimkien bhala koppja, izda dejjem kienu jkunu fil-kumpanija ta' din il-klikka ta' hbieb. Anke meta l-konvenuta kienet tmur id-dar ghand ommu, kien ikun hemm dejjem dawn il-hbieb maghhom.

L-attur ighid illi kellu l-vizzju tad-droga u dan il-vizzju kien diga` jezisti meta huwa ltaqa' mal-konvenuta. Kien hu fil-fatt illi ntroduca lil Rita ghall-istess vizzju. F'din il-klikka tal-hbieb, hu ighid, illi kienet l-abitudni taghhom illi meta johorgu, huma kienu jiehdu d-droga. Kienu jiehdu minn kollox u cjoe' kokaina, haxixa, pilloli, eroina, TRIPS (LSD) u anke alkohol. Din kienet xi haga regolari u kienu jiltaqghu precizament ghal dan l-iskop biex jiddrogaw rwiehom. Anke fl-*istag night* ta' siehbu Noel, l-attur ighid illi kienu hadu din it-TRIP.

L-attur ikompli jghid illi hu u Rita ddecidew li jizzewgu wara li kien fil-fatt izzewweg dan siehbu Noel u Arlette Baldacchino li kienet ukoll habiba taghhom. Ighid illi l-konvenuta *"thajret"* li jizzewgu huma wkoll u bdiet tinsisti li hu jaghtiha data tat-tieg u dana peress illi kienet qed tirraguna illi gialadarba zzewgu Noel u Arlette, huma kellhom jizzewgu wkoll. B'hekk fi zmien xahrejn huma kienu zzewgu. Dan gara peress illi meta f'okkazjoni partikolari, il-konvenuta regghet bdiet tissikkah biex jaghtiha data hu qabad u fajjar data u semma t-2 ta' Gunju. Fil-fatt huma zzewgu l-ghada u cjoe' fit-3 ta' Gunju peress illi s-sala tat-tieg fejn xtaqu jaghmlu l-festin kienet diga` bbukkjata fit-2 ta' Gunju.

L-attur jixhed illi f'dan iz-zmien huwa kien bla xoghol. Madanakollu hu ddecieda li jikri *flat furnished* gewwa San Gwann bil-kera ta' Lm35 fix-xahar. Izda peress illi missier l-attur kien jaf illi huwa ma kellux flus, kien offrielu post illi

huwa kellu bi shab ma' ohtu bil-patt illi huwa jhallas lil ohtu sehma ftit ftit. Ghalhekk huma zzewgu fit-3 ta' Gunju 1984. Ghat-tieg kienu mistednin il-hbieb kollha tal-klikka. L-attur ighid illi f'dan iz-zmien kemm hu kif ukoll il-konvenuta kienu taht il-vizzju tad-droga. Huwa jghid illi fil-karozza tal-*going away* li kien issellef minghand ir-ragel ta' ohtu, kien hemm *joint* fl-*ashtray* tal-karozza li kienu hallewlhom il-hbieb taqhhom stess u t-tnejn li huma kienu pejpu dan il-*joint*. Huwa jghid illi kienu jiehdu xi forma ta' droga fi kwalunkwe hin tal-gurnata u cjoe' minn fil-ghodu sa fil-ghaxija. Anke fil-gurnata tat-tieg huma kienu hadu d-droga tul il-gurnata kollha.

Wara t-tieg, l-attur ighid illi huma baqghu bl-lstess vizzju. Kienu jiltaqghu regolarment ma' hbiebhom u jghixu l-istess hajja, ihalltu u jaqsmu bejniethom. Huwa jghid illi fl-ewwel zmien taz-zwieg il-vizzju kien zdied peress illi huma kellhom aktar liberta'. Ghall-ewwel sena wara z-zwieg huwa baqa' ma jahdimx u kienu jghixu bl-ghajnuna socjali. Kienu jghixu hajja ta' tahwid. Sentejn wara li zzewgu huma kellhom l-ewwel tarbija, Mandy. Mat-twelid ta' din it-tarbija l-attur ighid illi martu waqfet mill-vizzju tad-droga. Hu kien ukoll naqqas pero` ma waqafx. Huwa jiddikjara illi kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg kemm hu kif ukoll il-konvenuta kellhom relazzjonijiet sesswali ma' terzi persuni meta kienu jkunu taht l-effett tad-droga. Minn wara t-twelid tat-tifla, l-attur ighid illi l-konvenuta bdiet relazzjoni mar-ragel ta' ohtu u ghadha mieghu sa llum. Ghalhekk huwa kien ghamel bhalha u beda jiffrekwenta nisa ohra specjalment turisti.

Ilum huwa jghid illi ghandu relazzjoni ma' mara ohra, liema relazzjonl ilha ghaddejja 'l fuq minn tmien snin u flimkien huma ghandhom tarbija.

Wara t-twelid tat-tifla, l-attur ighid illi hu u l-konvenuta kienu nfirdu ghal perjodu ta' xahrejn. Hi marret tghix ghand ommha. Ippruvaw ifittxu l-ghajnuna tal-Moviment ta' Kana, pero' meta marru ghall-appuntament, ighid li hallewhom jistennew, hu ddejjaq u telaq. Huwa jispjeqa illi qabel iz-zwieg huma ma kenux iffrekwentaw il-Kors ta' Kana. Jispjega illi sal-mument li tela' fuq l-artal hu kien jaf li kien qieghed jaghmel zball, izda beza' jhassar kollox fl-ahhar mument u ghalhekk baqa' ghaddej biz-zwieg. Hu jghid illi meta zzewweg kellu ghoxrin sena u l-konvenuta kellha tmintax-il sena. Hu kien iffrekwenta l-iskola St. Edwards sal-livell tas-sekondarja u l-mara kienet tmur l-iskola tal-Gvern ta' Bormla. Jiddikjara illi l-unika rabta li kien hemm bejniethom kien is-sess u xejn aktar.

Wara l-firda ta' xahrejn li kien hemm bejniethom meta twieldet it-tifla, hu jghid illi kienu regghu ghamlu paci u ghamlu sena ohra flimkien. Hu baqa' jissuspetta illi martu kienet ghadha qed tiltaqa' mar-ragel ta' ohtu. Hu beda johrog wahdu fil-ghaxijiet u jghid illi kien qata' l-vizzju tad-droga kompletament. Hu kien beda jahdem bhala *dishwasher* fil-ghaxijiet u wara li jispicca mix-xoghol hu kien jibqa' johrog wahdu. Martu kienet iddejjqet b'din il-hajja. Hu kien skopra wkoll illi hija kienet ghadha qed tiltaqa' mar-ragel ta' ohtu u ghalhekk kienu nfirdu definittivament.

L-attur ipproduca bhala xhud lil habib tieghu mit-tfulija **John Hili**. Huma kienu joqghodu hdejn xulxin minn mindu kienu zghar. Dan ix-xhud ighid illi ghall-habta ta' l-1980 hu u l-attur bdew jesperimentaw bid-droga. Huma kienu klikka hbieb konsistenti f'guvintur u tfajliet. Ghall-ewwel huwa ighid illi bdew jesperimentaw bil-ftit, imbaghad bdew jiehdu b'mod regolari tant illi spiccaw illi jekk f'xi gurnata ma kenux jiehdu kienet taqhtihom rashom. Hu jghid illi bdew jikkonsmaw il-*marijuana*, imbaghad qalbu ghall-pilloli, eroina u ACID.

Hu ighid illi wara ftit taz-zmien Rita bdiet tifforma parti mill-klikka tal-hbieb taghhom u hi bdiet tiehu d-droga wkoll. Tant kienu jikkunsmaw illi f'xi granet lanqas kienu jkunu jafu x'qed jigri. Jispjega illi Alvin kien iltaqa' ma' Rita fuq il-post tax-xoghol peress illi l-konvenuta bdiet tahdem fil-fabbrika ta' missier Alvin. Hu jiddefinixxi d-decizjoni tal-kontendenti biex jizzewgu bhala wahda ta' *"PAQ PUM"* u cjoe' mil-llum ghall-ghada. Hu jikkonferma illi f'dan iz-zmien it-tnejn li huma kienu dipendenti fuq id-droga b'mod assolut u qawwi. Xahar qabel izzewgu l-kontendenti, ix-xhud ighid illi kienu zzewgu wkoll Letty u Noel, zewgt ihbieb tal-istess klikka. Ighid illi l-kontendenti kienu thajru minnhom u hadu d-decizjoni warajhom. Anke Letty u Noel ighid izzewgu malajr.

Hu jikkonferma illi Rita u Alvin ma kenux ghamlu pjannar ghall-hajja mizzewga taghhom u dana peress illi ftit wara li

kienu hadu d-decizjoni huma zzewgu. Ighid illi huma kienu ltaqghu ma' xulxin xi sentejn jew tlieta qabel iz-zwieg u f'dan il-perjodu huma baqghu jiehdu d-droqa. Ighid illi z-zwieq taghhom ma kienx irnexxa u ghamlu flimkien madwar sentejn. Huwa jikkonferma illi "*t-tahwid"* baqa' anke wara z-zwieg u cjoe' d-droga. Huwa jghid illi bhala kagun tad-droga, kienu jiggieldu spiss kemm fuq il-post tax-xoghol kif ukoll mal-familji taghhom. Kien hemm okkazjonijiet meta anke kienu jintilfu minn sensihom meta kienu jkunu taht l-effett tad-droga.

Finalment huwa jghid illi kien mistieden ghal gurnata tat-tieg u jista' jikkonferma illi l-kontendenti kienu ghadom it-tnejn dipendenti fuq id-droga f'dan iz-zmien tant illi f'dan il-perjodu huma ma kenux jistghu jaghmlu gurnata minghajr ma jiehdu xi tip ta' droga. Dan jista' jghidu ghaliex f'dak iz-zmien anke hu kien ghadu dipendenti fuq id-droqa u kien ha d-droga dakinhar tat-tieg. Jiftakar ukoll illi lill-attur hbiebu kienu tawh xi droga bhala rigal tat-tieg.

Xehed ukoll **Alfred Grech**, prodott mill-attur, li sar jaf lill-kontendenti ftit wara li zzewgu u dana peress illi hu u Alvin kienu jahdmu flimkien. Ighid illi meta sar jaf lill-attur, hu kien dipendenti fuq id-droga. Ighid illi Alvin kien jiehu minn kollox u dana b'mod regolari. Hu jghid illi kienet tkun ovvja meta kien jiehu d-droga ghaliex lehnu ma kienx jibqa' car u kellu certu lajma fis-sentenza. Anke l-mod ta' kif jahseb kien jigi affetwat. Hu jkompli jghid illi lill-konvenuta ma jafhiex daqs kemm kien jaf lil Alvin. Hu jghid illi l-attur kien

qallu illi meta zzewgu, it-tnejn li huma kienu dipendenti fuq id-droga. Qatt ma kien qallu illi kien ghamel xi preparazzjoni ghaz-zwieg. Dan ix-xhud ighid illi Alvin kien jiftah qalbu mieghu fuq il-problemi li kellu mal-familja. Jiftakar ukoll illi Rita kellha relazzjoni mar-ragel ta' oht Alvin u ghadha mieghu sal-llum.

Il-**konvenuta** xehdet fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2000. Hija tghid illi ltaqghet mal-attur madwar sentejn qabel izzewgu, meta marret tahdem fil-fabbrika tal-familja ta' Alvin. Hija bdiet tiffrekwenta l-klikka tal-hbieb ta' Alvin u minn hawn bdiet tiehu l-haxixa. Dawn il-hbieb, hija tghid, kollha kellhom il-vizzju tad-droga. Hija tghid illi saret thobb lil Alvin u ftiehmu li jizzewgu. Hija tikkonferma illi f'dan il-perijodu huma t-tnejn kienu bil-vizzju tad-droga. Hi kienet tpejjep il-haxixa u gieli hadet xi pilloli.

Hija tghid illi kienu ghagglu ftit biex izzewgu. Hi kienet issikkata hafna d-dar u kellha hafna nkwiet mal-genituri. Meta ltaqghet mal-attur hi kellha sittax-il sena u Alvin kellu tmintax. Hi ma kellhiex liberta` mal-genituri ghaliex kienu jissikkawha bil-hinijiet u fejn kienet tmur. Kienu anke joggezzjonaw ghaliex l-attur kellu mutur. Hija tghid illi f'dan il-perjodu hija kienet ghadha zghira u ma hasbitx wisq fit-tul fuq dak li kienet diehla ghalih. Tghid illi hija kienet tpejjep il-haxixa regolarment. Tghid illi t-tieg sar xahrejn wara li hadu d-decizjoni li jizzewgu. Il-genituri taghha ma hadux gost peress illi kienet ghadha zghira. Lanqas kienu attendew il-kors ta' preparazzjoni ghaz-zwieg, u cjoe' il-

kors ta' Kana. Lanqas kellhom dar fejn joqghodu u wara li zzewqu marru joqghodu ghand il-genituri ta' Alvin. Missierha kien ha hsieb tar-riceviment u omm l-attur kienet ghamlitilha l-libsa tat-tieg.

Tikkonferma illi fiz-zmien tat-tieg, kemm hi kif ukoll l-attur kienu ghadhom taht il-vizzju tad-droga. Tghid: *"Jiena kont ghadni inpejjipha"* u zzid illi anke wara z-zwieg huma baqghu bil-vizzju. Ghalhekk tikkonkludi illi fil-granet kemm ta' qabel kif ukoll ta' wara it-tieg hija kienet pejpet il-haxixa.

Il-konvenuta tixhed u tghid illi huma kienu johorgu spiss mal-hbieb aktar milli kienu johorgu wahedhom. L-attur kien l-ewwel guvni illi mieghu hija kienet harget bis-serjeta'.

Tghid illi waqfet mill-vizzju tad-droga madwar sena u nofs wara li zzewgu u dana meta hija kienet harget tqila bl-ewwel wild taghhom. Minn hawn hija tghid illi beda l-inkwiet bejnha u bejn l-attur peress illi huwa baqa' bil-vizzju tad-droga u ghalhekk ma baqghux jaqblu flimkien. Hija tghid illi huma ghandhom zewqt itfal.

Illi l-Perit Legali kkonkludiet b'dan il-mod :-

*"Johrog car u minghajr l-icken dubju mill-provi prodotti illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta kellhom storja ta' intossikazzjoni minhabba d-drogi. Jirrizulta illi din id-dipendenza kienet tant wahda qawwija illi l-partijiet, l-aktar l-attur, lanqas biss kienu jkunu jafu x'qeghdin jaghmlu –*

*jintilfu minn sensihom, ikollhom relazzjonijiet sesswali ma' nies ohra anke wara z-zwieg, nuqqas ta' kordinazzjoni fil-hsibijiet taghhom fost affarijiet ohra. Tant ma kienux kapaci jirriflettu fuq dak li kienu qeghdin jaghmlu li anki d-decizjoni li jizzewgu ttiehdet malajr biex jikkupjaw lil shabhom li kienu wkoll iddecidew li jizzewgu. Johrog car mill-provi illi preparazzjoni ghal hajja mizzewga ma kienx hemm. Il-kontendenti zzewgu fi zmien xahrejn u d-decizjoni ttiehdet b'certu leggerezza u nuqqas kbira ta' serjeta' u maturita certament rikjesti ghal kunsens matrimonjali. L-esponenti hija ta' l-opinjoni illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet ibbazata fuq xejn aktar izjed hlief fuq id-droga u s-sess. Ma kien hemm xejn aktar x'jorbot lill-kontendenti, tant illi meta l-konvenuta waqfet mill-vizzju meta harget tqila bl-ewwel tarbija, hija tghid illi z-zwieg taghhom sfaxxa ghaliex ma baqghux jaqblu.*

*Il-kontendenti mhux biss izzewgu meta kienu ghadhom zghar hafna, izda jidher mill-provi illi huma ma kellhomx l-icken hjiel tad-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewga, l-attur ma kienx jahdem u lanqas ma wera nteress biex jahdem tant illi anke wara z-zwieg baqghu jghixu bl-ghajnuna socjali. Lanqas ippjanaw fejn sejrin joqghodu u wara z-zwieg baqghu jghixu l-istess hajja ta' libertinagg ambjentata fil-vizzju tad-droga. Kien anke jkollhom relazzjoni ma' terzi persuni u dana kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg. Illi ghalhekk, minghajr l-icken dubju, il-kunsens matrimonjali tal-partijiet, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi tal-hajja, ma setax ikun ghajr wiehed ivvizzjat serjament.*

*Illi mill-kumpless tal-provi kif hawn fuq delineati, l-esponenti hija tal-fehma illi fit-3 ta' Gunju 1984, ma nholoqx zwieg validu bejn il-partijiet peress illi* <u>*l-kunsens taz-zewg partijiet*</u> *kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. L-esponenti dan tista' tikkonkludih peress illi jidher illi fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-kontendenti kienu ghaddejjin minn fazi kritika ta' dipendenza fuq id-droga u ghalhekk dik il-maturita' affettiva u ta' gudizzju kienet definittavement menomata b'dan il-vizzju serju. Sahansitra fil-gurnata tat-tieg huma kienu kkunsmaw id-droga, tant illi bhala rigal tat-tieg shabhom stess tawhom xi forma ta' droga."*

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni tal-istess Perit Legali u taddotta l-istess ghax bla ebda dubju rrizulta mill-provi prodotti li l-partijiet kienu ilhom jaghmlu uzu mid-droga li certament waqt li kienu qed jaghtu l-kunsens taghhom huma ma kellhomx dik il-maturita' li setghet twassalhom biex jifhmu d-dittijiet u d-dmirijiet essenzjali li jikkomporta mieghu z- zwieg.

Illi minn dan kollu jirrizulta li t-talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-fatti fuq indikati u hekk pruvati jinkwadraw ruhhom fejn il-kunsens tal-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha **(artikolu 19 (d) tal-kapitlu 255)** .

Illi *stante* l-premess din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tidhol fuq lanjanzi ohra allegati mill-attur *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) u (h) tal-Kap.255** tal-Ligijiet ta' Malta.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**19 ta' Gunju 2002.**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**19 ta' Gunju 2002.**